



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-20 ta' Marzu 2023

Intelliġenza artifiċjali fuq l-iskrin tar-radar tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

- **L-intelliġenza artifiċjali (IA) hija kruċjali għall-kompetittività futura tal-ekonomija**
- **L-UE tiffaċċja r-riskju li taqa' lura f'din it-tellieqa teknoloġika ewlenija**
- **L-awdituri se jivvalutaw l-azzjoni tal-UE li hija ppjanata biex tagħti spinta lill-iżvilupp tal-IA**

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed tibda tivvaluta l-azzjoni tal-UE biex tappoġġa l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali (IA). L-awdituri se jeżaminaw jekk il-pjanijiet u l-miżuri finanzjarji tal-Kummissjoni Ewropea jwasslux biex l-Ewropa titqiegħed f'pożizzjoni ta' mexxejja globali fl-IA.

L-intelliġenza artifiċjali hija essenzjali għat-tranżizzjoni diġitali tal-UE, għall-politika industrijali tagħha u għall-awtonomija strateġika tagħha. Ir-rivoluzzjoni għaddejja, iżda l-Ewropa għadha lura f'aspetti ewlenin bħall-finanzjament. Fl-UE, huwa stmat li l-ammont investit fl-IA huwa nofs l-ammont investit fl-Istati Uniti. Inqas minn 1 minn kull 10 negozji fl-UE (8 %) kienu qed jużaw l-IA fl-2021, b'differenzi sinifikanti fost il-pajjiżi tal-UE. Filwaqt li kważi 1 minn kull 4 negozji fid-Danimarka (24 %), kif ukoll aktar minn 15 % fil-Portugall (17 %) u fil-Finlandja (16 %), użaw l-IA, dan il-proporzjon waqa' taħt il-5 % fir-Repubblika Ċeka, fil-Greċja, fil-Latvja u fil-Litwanja (ilkoll 4 %), fil-Bulgarija, fl-Estonja, f'Ċipru, fl-Ungerija u fil-Polonja (ilkoll 3 %), u fir-Rumanija (1 %).

"L-intelliġenza artifiċjali se ġġib, bla dubju, ħafna benefiċċji konsiderevoli f'firxa wiesgħa ta' setturi," qal Mihails Kozlovs, il-Membru tal-QEA li se jmexxi l-awditu, *"u r-riskji għall-kompetittività tal-UE huma għoljin wisq biex inwettqu żbalji. L-awditu li qed inwettqu se jiddetermina jekk huwiex qed isir sforz suffiċjenti biex l-Ewropa ma titħalliex l-art f'din ir-rivoluzzjoni teknoloġika kbira."*

Biex tkun tista' tikkompeti fit-tellieqa, l-UE pprevediet li talloka kważi EUR 10 biljun mill-baġit tagħha bejn l-2014 u l-2027. Barra minn hekk, mill-inqas 20 % mill-ammont ta' EUR 724 biljun li qed isiru disponibbli taħt il-faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza (RRF) għall-pandemija se jiffinanzjaw it-tranżizzjoni diġitali tal-UE. Fl-aħħar nett, il-Fond InvestEU se jimmobilizza l-investment pubbliku u privat permezz ta' garanzija tal-baġit tal-UE ta' EUR 6.6 biljun għar-riċerka,

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-previzzjoni ta' awditu maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li hija disponibbli fuq eca.europa.eu

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

L-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni. Kollox ma' kollox, l-oġġettiv huwa li l-investimenti fl-IA jizjedu gradwalment għal EUR 20 biljun fis-sena matul dan id-deċennju.

L-awditu se jivverifika jekk il-kundizzjonijiet ewlenin humiex fis-seħħ fl-UE biex tingħata spinta lill-iżvilupp tal-IA. B'mod partikolari, l-awdituri se jeżaminaw jekk il-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-flus tal-UE jappoġġaw b'mod effettiv il-ħolqien ta' ekosistema tal-intelliġenza artifiċjali Ewropea xierqa u kompetittiva, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-importanza strateġika tal-IA u r-riskji potenzjali għas-sikurezza u s-sigurtà.

Informazzjoni ġenerali

Il-Kummissjoni Ewropea adottat pjan ikkoordinat fil-livell tal-UE dwar l-IA fl-2018, bl-għan ġenerali li tikseb tmexxija fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-IA avvanzata, kif ukoll li tiżgura prodotti tal-IA etiċi u siguri. Hija aġġornat il-pjan fl-2021.

Il-Previżjoni ta' Awditu 02/2023, "Intelliġenza artifiċjali fl-UE", hija disponibbli bl-Ingliż fuq is-[sit web tal-QEA](#). Previżjonijiet ta' awditi huma bbażati fuq xogħol ta' tnejn li jsir qabel ma jinbeda awditu. Ma għandhomx jitqiesu bħala osservazzjonijiet, konklużjonijiet jew rakkomandazzjonijiet tal-awditjar. Ir-rapport tal-awditjar huwa mistenni bejn wieħed u ieħor fi żmien sena.

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547